# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 6730/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Mohamed Jemal Muktar sive Muktar Mohamed Jamel**[1]

Illum is-sebgħa (7) ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Mohamed Jemal Muktar sive Muktar Mohamed Jamel**, detentur tan-Numru tal-Pulizija 11F-217, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Awwissu 2024 u/jew fil-jiem, ġimgħat jew xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer:

[1] Fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2024, l-isem tal-appellat inbidel minn **Gaddafi Jamal Mohtar** għal **Mohamed Jemal Muktar sive Muktar Mohamed Jamel**.

1. uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport, li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih (Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati (Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorita' leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Awwissu 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 7, 8 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundannatu sitt (6) xhur priġunerija. Rigward it-talba *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sostniet li ma kienx hemm spejjez x'jitħallsu mill-imputat. *Ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-13 ta' Settembru 2024 fejn talab li din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi:*

*"A) **TANNULLA** s-sentenza appellata mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti; u fin-nuqqas ta' dan;*

*B) **TIRRIFORMA** l-imsemmija sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u dan billi:*

*i) **Tikkonfermaha** f'dik il-parti li sabet ħtija fl-appellat, u*

*ii) **Tħassaraha** f'dawk l-istanzi li ssir referenza lejn l-appellat sia meta issir referenza lejn ismu u kunjomu u sia meta issir referenza fejn il-partikularitajiet tiegħu, u dan billi tibdlilha għad-dettalji (inter alia isem, kunjom u partikolaritajiet tal-appellat) li huma l-vera dettalji tal-appellat.[2]"*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Awwissu 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw użu ta' dokument ta' identita' falz b'dana illi fl-20 ta' Awwissu 2024 għal ħabta tal-11.30hrs, id-dipartiment responsabbli għall-immigrazzjoni ġewwa l-ajruport ta' Malta ġie nfurmat li f'titjira lejn l-Irlanda kien hemm persuna li kellu dokument falz. Meta l-persuna ppreżentat ruħha għaċ-*check-in* huwa ġie mwaqqaf u ġie meħud fl-għassa għal investigazzjoni ulterjuri.

Illi fl-istqarrija tiegħu l-appellat ammetta li d-dokument ossia l-Karta tal-Identita' Belġjana in kwistjoni kien falz. Huwa qal ukoll li xi żmien qabel kien ġie avviċinat minn Sirjan li kien spjegalu li

[2] "Dawn id-dettalji jinsabu f'paġna 5 tar-rikors tal-appell odjern."

seta' iġiblu dokument oriġinali iżda sabiex jikseb dan id-dokument huwa kellu jħallas sitt mitt Euro (€600).

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant Avukat Ġenerali jressaq aggravju wieħed fejn jingħad hekk: *"L-ewwel aggravju tal-appellant jirrivolvi madwar in-nullita' u/jew ir-riforma tas-sentenza deċiża mill-Ewwel Onorabbli Qorti minħabba dettalji erronji fir-rigward tal-appellat, u dan għas-segwenti raġunijiet: […]"*

Illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali jorbot mal-identita' tal-appellat waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellant jibda billi jirreferi għal fatti tal-każ u jispjega li fil-ħin mogħti lill-Pulizija sakemm ikollhom jirrilaxxaw lill-persuna arrestata, l-istess Pulizija ma setgħux jidentifikaw l-isem reali tal-appellat. Jirreferi wkoll għall-istqarrija tal-appellat fejn huwa kkonferma l-isem tiegħu. Isemmi l-eżami magħmul mill-Ewwel Qorti fejn l-appellat ikkonferma li ismu kien "Gaddafi Jamal Mohtar" u li għalhekk meta l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza hija bbażat ruħha fuq l-informazzjoni lilha mogħtija. Jisħaq li in vista tal-fatt li l-appellat ngħata sentenza ta' priġunerija, meta huwa ġie meħud l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin u saru l-proċeduri ta' identifikazzjoni, irriżulta li hawn Malta huwa kien irreġistrat b'isem kompletament differenti. Jgħid li ġialadarba l-appellat ammetta fi stadju bikri tal-proċeduri, il-Prosekuzzjoni qatt ma setgħet titlob għal korrezzjoni tad-dettalji tal-appellat.

Illi l-appellant jagħmel riferenza għal ġurisprudenza nostrana fejn minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li ħati ma jistax jitħalla jikapitallizza minn fuq il-qerq tiegħu. Jisħaq li f'din il-ġurisprudenza ssir riferenza għal Artikolu 598 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jippermetti li jsir tibdil għal dak li jirrigwarda l-isem u d-dettalji tal-imputat. Jirreferi wkoll għal Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li ġie reż applikabbli għal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' Artikolu 520(ċ) tal-istess Kapitolu 9. Jispjega li *ai termini* ta' dan l-artikolu din il-Qorti tista' tordna l-korrezzjoni tas-sentenza appellata b'dana illi jitlob li

fejn l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għad-dettalji tal-appellat, dawn jiġu mibdula għad-dettalji ndikati fir-Rikors tal-appell. Jgħid li jekk sentenza fejn il-konnotati tal-ħati jkunu żbaljati titħalla tgħaddi in ġudikat, din ma tkunx esegwibbli kontra tiegħu.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2024 din il-Qorti laqgħet talba hekk kif kontenuta f'Rikors ippreżentat dakinhar stess mill-appellant Avukat Ġenerali (għal liema talba ma kienx hemm oġġezzjoni mill-appellat), fejn il-Qorti ordnat il-korrezzjoni ta' <u>kull istanza</u> fl-atti proċesswali tal-każ fejn issir riferenza lejn l-appellat (inkluż fis-sentenza appellata) u dana sabiex id-dettalji tal-appellat jkun s-segwenti: "<u>Mohamed Jemal Muktar *sive* Muktar Mohamed Jamel, ta' 29 sena, imwieled l-Eġittu fis-sena elf, disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), iben Jamal u Amar xebba Abdelsammad, ta' nazzjonalita' Eġizzjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 11F-217</u>".

Illi apparti minn dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad ukoll li in segwitu tal-korrezzjoni hawn fuq imsemmija, l-appellant Avukat Ġenerali rtira l-ewwel talba tiegħu hekk kif kontenuta fir-Rikors tal-appell tiegħu ossia dik li tirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi l-konsulent legali tal-appellat argumenta li ġialadarba saret il-korrezzjoni kif mitluba mill-appellant Avukat Ġenerali kif hawn fuq imsemmi u ġialadarba l-appellat wasal sabiex itemm it-terminu ta' priġunerija mpost fuqu mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma kellu jsir l-ebda tibdil ieħor fis-sentenza appellata <u>għajr</u> għal korrezzjoni in kwistjoni.

Illi in segwitu ta' dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba tan-nullita' tas-sentenza appellata. Fir-rigward tat-talba għal korrezzjoni tad-dettalji tal-appellat jirriżulta li din saret fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2024. B'hekk isegwi li din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali f'dan il-każ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li:

- tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba (dik immarkata bl-ittra "A") *ossia* dik fejn intalab li s-sentenza appellata tiġi dikjarata nulla,

- tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-tieni talba hekk kif kontenuta fit-tieni talba (dik immarkata bl-ittra "B(ii)") *ossia* dik fejn intalab li s-sentenza appellata tiġi mħassra f'dawk l-istanzi sia fejn issir riferenza lejn isem u kunjom l-appellat u sia fejn issir riferenza lejn il-partikolaritajiet tiegħu u dana billi tbiddilha għad-dettalji (*inter alia* isem, kunjom u partikolarijiet tal-appellat) li huwa l-vera dettalji tal-appellat,

- tilqa' l-ewwel talba hekk kif kontenuta fit-tieni talba (dik immarkata bl-ittra "B(i)") *ossia* dik li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fl-appellat.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**